Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 77/2010/1

**Hal Mann Properties Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru, 2015.

Dan hu appell li Hal Mann Properties Limited ipproponiet minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Settembru 2011 li bih cahdet it-talba tal-istess kumpannija sabiex tiddikjara :

1. li d-decizjoni tal-intimat li l-valur tal-fond tal-appartament numru tnejn (2), Las Tortugas, Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar kellu jkun €65,222.46 iktar minn dak dikjarat, u ghaldaqstant l-ebda taxxa u penali m'huma dovuti;
2. nulla n-notifika ta' avviz ta' likwidazzjoni datata 26 ta' Frar 2007 u l-ittra ufficjali tal-24 ta' Frar 2010.

L-ewwel qorti kienet ikkonkludiet li gialadarba l-istima li saret mill-intimat ma kinitx giet kontestata skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364) u b'hekk saret finali u konklussiva, ir-rikorrenti ma setatx timpunja l-ittra ufficjali li l-intimat ipprezenta fl-24 ta' Frar 2010[1].

L-aggravji tal-appellanti huma li:

1. Il-qorti kellha tichad l-eccezzjoni preliminari ghaliex l-inimat qatt ma gab prova li baghat l-avviz ta' likwidazzjoni bil-mezz tal-posta registrata, kif jitlob l-Aritkolu 61 tal-Kapitolu 364;
2. Ghaldaqstant l-appellanti ma setatx titqies li hi notifikata skond il-ligi u ghalhekk il-pretensjoni tal-appellata hi preskritta skond l-Artikolu 52(5), 54 u 55 tal-Kapitolu 364.
3. Fil-meritu l-valur addizzjonali ta' €65,222.46 jirreferi biss ghal appartament wiehed meta hu evidenti li dan l-appartament ma ghandux dak il-valur;

[1] Il-qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni li biha l-intimat argumenta li l-istima kienet finali u konklussiva u ghalhekk il-qorti ma kellhiex il-kompetenza li tistharreg il-likwidazzjoni tal-intimat. L-istharrig jista' jsir biss skond il-procedura li hemm fl-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364), u cjoe' permezz ta' oggezzjoni lill-appellat u eventwalment appell.

4. Il-perit inkarigat mill-appellat ma setax jaghti l-valur reali tal-fond ghaliex mar jara l-post meta ma kienx ghadu jezisti u kienu beda l-izvilupp;
5. Il-prezz li bih l-appellanti akkwistat hu dak reali tas-suq.

L-appellat wiegeb (24 ta' Ottubru 2011) fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-aggravji ghandhom jigu michuda.

Il-qorti rat l-atti li tinkludi traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem din il-qorti.

Fil-qosor mill-atti jirrizulta li:-

1. In-nutar Robert John Muscat ta avviz lill-intimat li fis-17 ta' Jannar 2007 l-appellanti xtrat l-appartament numru 2, Las Tortugas, Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar[2] (fol. 21). Jirrizulta li fit-2 ta' Frar 2007 l-appellat ircieva l-avviz (ara dokumenti a fol. 21 u fol. 52).

2. Fis-26 ta' Novembru 2007 l-appellat hareg avviz ghall-hlas ta' €6,522.24 bhala taxxa addizzjonali u penali fir-rigward tat-trasferiment tal-appartament numru 2, Las Tortugas, Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar (fol. 6). Pero' mix-xhieda ta' Ivan Portelli, ufficjal tad-Dipartiment, irrizulta li l-avviz kien qieghed jirreferi wkoll ghall-appartament numru 4 u l-garaxxijiet. Din il-verzjoni hi korraborata mid-dokument a fol. 52 fejn hemm l-istima, li l-qorti qeghda tifhem hi tal-perit Scerri, b'riferenza ghal zewg appartamenti u tlett garaxxijiet. Dan id-dokument hu l-avviz li l-appellat ta lill-perit li nkariga biex jaghmel stima tal-immobbli.

3. Martin Vella, direttur tal-appellanti kkonferma li rcieva l-imsemmi avviz ghalkemm ma ftakarx id-data. L-avviz intbaghat fl-ufficcju registrat tal-kumpannija.

4. M'hemmx prova tad-data meta l-appellanti rceviet l-avviz ghall-hlas datat 26 ta' Novembru 2007. Ivan Portelli, ufficjal tad-Dipartiment, xehed: *"Ahna ma ghandna ebda return envelope ta' dan id-dokument u ghalina jfisser ghalhekk li dan id-dokument wasal fid-destinazzjoni tieghu"* (fol. 95).

5. Ma jirrizultax li l-appellanti kkontestat il-likwidazzjoni tal-appellat bil-procedura kontemplata fil-Kap. 364.

6. Fl-24 ta' Frar 2010 l-appellat ipprezenta ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn interpella lill-appellanti thallas is-somma ta' €6,522.24 (fol. 4).

---

[2] Fl-avviz tissemma proprjeta ohra.

Skond l-Artikolu 61 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364):-

*"Fil-każ ta' servizz b'posta reġistrata, kemm-il darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, l-avviż jitqies li ġie notifikat:*

1. *(a) fil-każ ta' persuna li tirrisjedi f'Malta, mhux iktar tard mit-tielet jum wara d-data li jiġi impostat".*

L-avviz datat 26 ta' Novembru 2007 ghandu n-numru IV101952 (fol. 6 u fol. 26). Skond Ivan Portelli, ufficjal tad-Dipartiment, *"... dan in-notice of assessment intbaghat by registered mail"* (fol. 95). Mela kuntrarjament ghal dak li ssostni l-appellanti, prova hemm li l-avviz intbaghat permezz ta' posta registrata. 'Il fatt li l-appellat ma pprezentax dokument li effettivament jikkonferma li l-avviz intbaghat bil-post registrata, ma jfissirx li l-appellat ma tax prova li fil-fatt l-avviz intbaghat bil-posta registrata. Ix-xhud ma giex mitlub biex jispjega kif jaf li l-avviz kien intbaghat bil-post registrata. Kull m'hemm hi dikjarazzjoni ta' xhud ta' Dipartiment li ma giex kontradett f'dak li qal.

Jirrizulta wkoll li d-Dipartiment baghat ittri interpellatorji lill-appellanti sabiex thallas is-somma ta' €6,522.24 (ara Dok. KTI6, KTI7 u KTI8). Fihom jinghad li l-kont numru IV101952 gie mahrug fis-26 ta' Novembru 2007 (taht hemm il-kelma **Sent**). Il-qorti ghalhekk tifhem li l-avviz datat 26 ta' Novembru 2007 intbaghat dakinhar stess. Quddiem l-ewwel qorti ma tressqet l-ebda kontestazzjoni dwar dawn id-dokumenti. Il-qorti tikkonkludi li dawn huma prova li l-avviz ta' likwidazzjoni ntbaghat fis-26 ta' Novembru 2007.

F'kull kaz irrispettivament tad-data meta l-avviz tal-hlas 26 ta' Novembru 2007 gie notifikat, f'kazijiet bhal dak in ezami tezisti procedura *ad hoc* kontemplata fl-Att dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364) li wiehed irid isegwi sabiex jikkontesta l-likwidazzjoni tal-appellat (ara Artikoli 58 u 59 tal-Kap. 364). Martin Vella kkonferma li l-avviz kienu rcevewh izda l-appellanti ma kkontestax l-istima skond id-disposizzjonijiet li hemm fil-Kap. 364. Tant l-appellanti rceviet l-avviz, li mar-rikors promotur li pprezentat fl-10 ta' Marzu 2010 ipprezentat kopja tal-istess avviz (fol. 6). Ghalhekk l-appellanti m'ghandha l-ebda jedd li tipprova tinqeda b'dawn il-proceduri biex jsir stharrig fil-meritu. L-ewwel qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni f'materji simili. Gialadarba r-rikorrenti rceviet l-avviz u ma kkontestax il-likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond il-procedura kontemplata fil-Kap. 364, **dik il-likwidazzjoni saret finali u konklussiva** (Artikolu 60 tal-istess ligi). F'tali cirkostanzi zgur li fil-meritu l-ewwel qorti ma setghet qatt tiddikjara li t-talba tar-appellat bhala nfondata (Artikolu 466(2) tal-Kap. 12[3]).

[3] *"(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata".*

Ghaldaqstant l-ewwel qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-istima tal-appellat kienet finali u konklussiva u gialadarba ma wzax il-mezzi li kienu disponibbli ghalih skond l-Att dwar it-Taxxa Fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, ma jistax jimpunja l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 2007.

Fit-tieni aggravju l-appellanti sostniet ukoll li l-pretensjoni tal-appellat hi preskritta skond l-Artikoli 52(5), 54 u 55 tal-Kap. 364. L-Artikolu 52(5) jipprovdi lil-Kummissarju jista' jaghmel stima fi zmien sena minn meta jkun ircieva l-avviz imsemmi fl-Artikolu 51. Jidher li fil-kaz in ezami fit-2 ta' Frar 2007 l-appellat inghata avviz li kien sehh it-trasferiment (fol. 21). L-istima saret fis-26 ta' Novembru 2007. Ghaldaqstant, entro s-sena.

**Ghaldaqstant tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.